MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-13 ta' Frar, 2006

Avviz Numru. 325/2005

**Dentrade Company Limited C-9139**

**Vs**

**Charles Lebrun**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' elfejn mija erbgha u sittin Lira Maltija u tlieta u tmenin centezmu (Lm2164.83) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta' attrici lill-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni u bl-imghaxijiet mid-data meta l-ammont pretiz f'dan l-avviz kien dovut sad-data tal-pagament effetiv.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment u skond il-Ligi, il-konvenut naqas u ma deherx fl-1 ta’ Frar 2006 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm2164.83 bl-imghax legali mit-30 ta’ Mejju 2005 sad-data tal-pagament effetiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju tat-30 ta’ Mejju 2005.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------